ideas powered @ SCHOOL

# 21 JUM

## LEJN ĦAJJA AKTAR KREATTIVA

*- Ngħinu lill-istudenti japprezzaw il-kreattività -*

EUIPO
UFFIĊĊJU TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI
TAL-UNJONI EWROPEA

Dan id-

# djarju tal-KREATTIVITÀ

*- huwa ta' -*

XOGĦOL 100% ORIĠINALI

**"It-tfal kollha huma artisti. Il-problema hi kif ħa tibqa' artist wara li tikber."**

**Pablo Picasso**

**"Il-kreattività hi d-divertiment tal-intelliġenza."**

**Albert Einstein**

***"Is-sempliċi fatt li xi ħaġa mhix qed tagħmel dak li int ridtha tagħmel ma jfissirx li hija inutli."***

***Thomas Alva Edison***

**"Il-kreattività titwieled minn kunflitt bejn l-ideat."**

**Donatella Versace**

*"Ma tistax teżawrixxi l-kreattività. Aktar ma tuża minnha, aktar ikollok."*

*Maya Angelou*

**"Inti tara xi affarijiet u tgħid, 'Għaliex?' Jiena, però, noħlom b'affarijiet li qatt ma eżistew u ngħid, 'Għaliex le?'"**

**George Bernard Shaw**

**"Il-kreattività mhi xejn ħlief it-tagħqid flimkien ta' xi affarijiet."**

**Steve Jobs**

Fid-dinja tal-lum, il-kreattività u l-innovazzjoni huma importanti f'kull qasam tal-ħajja. Imla dan id-djarju tul 21 jum biex toħloq drawwa kreattiva.

Malli tlesti l-attivitajiet kollha li hawn fid-djarju tiegħek, itlob lill-għalliem(a) tiegħek u lil wieħed mill-ġenituri tiegħek biex jiffirmaw iċ-ċertifikat fl-aħħar paġna u applika għall-premju tiegħek.

Jum 1

# Iddisinja teeshirt li tixtieq kieku tilbes l-iskola



**Aħseb fuq it-teeshirt preferut tiegħek:**

X'kulur hu?

.................................................................

X'hemm miktub fuqu?

.................................................................

Xi stampa għandu fuqu?

.................................................................

**Ħu noti fuq id-disinn tiegħek:**

X'tixtieq li jirrappreżenta?

.................................................................................................................................

Liema kliem ħa tuża?

.................................................................................................................................

Liema stampa ħa tuża?

.................................................................................................................................

Dan huwa disinn oriġinali minn .........................................................................................

**SUĠĠERIMENT**

Tista' tipproteġi disinji oriġinali bl-għajnuna tal-għodod tal-proprjetà intellettwali.

Jum 2

# Ipprintja żewġ ritratti li jogħġbuk

1. Agħżel ritratt li ħadt bil-mowbajl tiegħek.

2. Ipprintjah u waħħlu f'wieħed mill-gwarniċi. Ikteb titlu.

3. Ikteb ismek taħt ir-ritratt.

4. Itlob li ħabib jew ħabiba jipprintjawlek ritratt mill-mowbajl tiegħu jew tagħha.

5. Waħħlu fil-gwarniċ l-ieħor u ikteb titlu.

6. Ikteb isem il-ħabib jew il-ħabiba taħt ir-ritratt.



© ..................................................................

© ..................................................................

**SUĠĠERIMENT**

**Drittijiet tal-awtur** ifissru li meta tieħu ritratt, dan ikun proprjetà tiegħek. Trid titlob il-permess biex tuża r-ritratti ta' nies oħra.

Jum 3

# Oħloq xogħol oriġinali relatat mal-BIERAĦ

Aħseb fuq ħaġa **vera tajba** jew **vera ħażina** li ġratlek ilbieraħ.
Agħlaq għajnejk u immaġinaha terġa' tiġri.

**X'tara?** ……………………………………………………………………………………

**X'tisma'?** ……………………………………………………………………………………

**Xi tħoss?** ……………………………………………………………………………………

Ħu noti bil-kliem jew bl-istampi.

Uża n-noti tiegħek biex toħloq xogħol oriġinali. Dan jista' tkun:

- **disinn**
- **storja**
- **poeżija**
- **kanzunetta**
- **sensiela ta' kartuns**
- **vidjow**

© ………………………………………………………………

Dan huwa xogħol oriġinali li ħlaqtu jien!

**SUĠĠERIMENT**

Ma tistax tipproteġi l-ideat. Tista' tipproteġi l-espressjoni tagħhom f'xogħlijiet tal-arti, stejjer, poeżiji, kanzunetti, films, logħob diġitali, softwer eċċ. bid-**drittijiet tal-awtur**.

Jum 4

# Imla l-qalb b'affarijiet li tħobb

**Uża kuluri u fonts biex tikkomunika s-sentimenti tiegħek.**

Uża:
- kliem, frażijiet, sentenzi
- stampi
- simboli

Inkludi:
- nies, postijiet, annimali, oġġetti, affarijiet li huma tiegħek
- mużika, films, kotba, logħob
- attivitajiet

## AĦSEB!

Kif tħossok kieku l-għalliem jew l-għalliema tiegħek itellgħu dan fuq is-sit web tal-iskola mingħajr ma jistaqsuk?

**SUĠĠERIMENT**

L-iskola tiegħek ma tistax tippubblika xogħlok jew tagħmel kopji tiegħu mingħajr il-permess tiegħek.

Jum

5

# Iddisinja logo li jirrappreżenta lilek

**Sib tliet logos li jogħġbuk fl-oġġetti ta' madwarek. Ikkopja dawk il-logos.**



*Logo = disinn*    *Logo = kelma*    *Logo = kelma + disinn*

**X'tixtieq tikkomunika dwarek innifsek bil-logo tiegħek? Ħu noti:**

**Iddisinja l-logo tiegħek:**

**SUĠĠERIMENT**

Logo huwa disinn, immaġni jew simbolu li jirrappreżenta kumpanija. Logo jidher interessanti u jista' jikkomunika b'aktar ħeffa mill-kliem.

Jum 6

# Ħalli l-marka tiegħek fuq trademark

**It-trademarks insibuhom kullimkien madwarna.** Ara x'hemm fil-kċina tagħkom u agħmel lista tat-trademarks tal-ikel.
Fittex is-simbolu tat-trademarks irreġistrati.



**Ikkopja jew waħħal trademark tal-ikel hawnhekk.** Kif tista' kieku ttejjibha? Ħu noti.

**SUĠĠERIMENT**

Tista' tirreġistra® logo bħala **trademark**. Anki xi kulur, xi ħoss jew id-dehra ta' xi prodott jistgħu jkunu trademarks.

Jum 7

# Iddisinja l-kamra tas-sodda ideali tiegħek

**Kejjel il-kamra tas-sodda tiegħek u ħażżeż il-ġnubijiet tagħha fuq il-karta tal-graffs.**

X'oġġetti huma essenzjali f'kamartek?

.......................................................................................................................................................

Kif tista' tbiddel id-disinn tagħhom biex ikunu aħjar għalik?

Xi jkun l-aħjar post għalihom? Immarkahom fid-dijagramma.

X'oġġetti tixtieq kieku f'kamartek? Niżżilhom skont l-ordni ta' importanza:

**1.** ................. **2.** ................. **3.** ................. **4.** ................. **5.** ................. **6** .................

Immarkahom fid-dijagramma.

Qabbel id-disinji tiegħek u ta' ħabib jew ħabiba. Il-kamra tas-sodda ideali tagħkom xi tgħid dwarkom?

**Tiegħi** ........................................................................................................

**Tal-ħabib(a) tiegħi**........................................................................................

**SUĠĠERIMENT**

Id-disinji huma espressjoni tal-kreattività tiegħek. Tista' tħalli impatt kbir fi spazju żgħir.

Jum 8

# Aħseb f'invenzjoni ġdida għad-dar

Liema faċenda tad-dar vera tobgħod tagħmel?

..................................................................................................................................................

X'tobgħod fir-rigward tagħha?

..................................................................................................................................................

Liema soluzzjonijiet tista' kieku tipprovdi xi invenzjoni?

..................................................................................................................................................

**Iddisinja l-invenzjoni tiegħek u żidilha tikketta.**

**Xi drabi mument ta' ispirazzjoni huwa biżżejjed biex tiġik idea mill-isbaħ, imma trid tes-perimenta ħafna biex tbiddilha f'invenzjoni utli. L-inventuri jridu jitħallsu dak li ħaqqhom għall-ħin u l-flus li jużaw biex jiżviluppaw l-ideat tagħhom. Għalhekk jistgħu jipproteġu l-invenzjonijiet tagħhom permezz ta' privattivi.**

L-invenzjoni tiegħek tissodisfa r-rekwiżiti għal privattiva?

- Hija tassew ġdida? ..........................................................................................................
- Hija inġenjuża? ...............................................................................................................
- Tista' kieku tiġi mmanifatturata u użata? ......................................................................

**SUĠĠERIMENT**

Il-privattivi jinħarġu biss għal invenzjonijiet ġodda, inġenjużi u adattati biex jiġu mmanifatturati industrijalment.

# Jum 9

# Ivvinta applikazzjoni biex tintuża l-iskola

**MIN** se jinqeda biha? (etajiet) …………………………………………………………………………

**GĦALIEX?** Xi jkun l-għan tal-applikazzjoni? Li ……..........................……………………………

**XIEX?** Ikteb deskrizzjoni qasira ta' x'tagħmel: ………………………………………………….…………………

…………………………..……………………………………………………………………………………...

.......................................................................................................................................................

**KIF** taħdem?

☐ kamera ☐ swajpjar ☐ ittajpjar ☐ kontroll bil-vuċi ☐ GPS ☐ timjil

☐ mod ieħor ..........................................................................................................................

**KIF** se tidher? Iddisinja l-applikazzjoni tiegħek fuq l-iskrinijiet:



## TIKKUPJAX!



**Ħafna applikazzjonijiet taparsi ġodda huma varjazzjonijiet ta' ideat li ġa qed nużaw.**

**Kun kemm jista' jkun oriġinali. Ipprova evita li tikkopja xi idea li hija popolari bħalissa.**

**Jekk jogħġbok, iffirma:**

Niċċertifika li din l-applikazzjoni hija idea oriġinali tiegħi! ......................................................................

**SUĠĠERIMENT**

Ftakar li ma tistax tipproteġi idea! Jekk ikollok idea ġdida vera inġenjuża għal applikazzjoni, ibda kkowdjaha u ssejvjaha fuq il-kompjuter tiegħek. B'hekk tista' tiġi protetta bid-**drittijiet tal-awtur**.

Jum 10

# Itlob lil ħabib jew ħabiba joħolqu *Entrata fi blog bis-suġġett ta' 'Bħalissa'*

Hemm bżonn ta' blog minn ħabib jew ħabiba tiegħek b'dawn il-punti ewlenin.

Huwa jew hija jistgħu jużaw kuluri u stampi biex jikkomunikaw sentimenti u ideat.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **'Bħalissa'** | • liebes/liebsa<br>• inħoss<br>• neħtieġ | • qed nisma'<br>• qed insegwi<br>• nixtieq | • it-temp hu<br>• naħseb<br>• nittama |

**Ipprintjaha u waħħalha hawnhekk.**

Ikteb isem il-ħabib jew il-ħabiba u s-sena.

© ……………………………………………

Staqsi lill-ħabib(a) tiegħek jekk tistax tagħmel kopja u turiha fil-klassi tiegħek.

**SUĠĠERIMENT**

Jekk toħloq materjal fuq l-internet (pereż. blog, sit web, filmat), tista' tipproteġi l-proprjetà intellettwali tiegħek sabiex in-nies ma jużawhiex mingħajr ma jistaqsuk.

Jum 11

# Iddisinja tagħmir ġdid għal sport li tħobb

Sport: ………………………………………………………………………………………………………..

Biċċa tagħmir jew ilbies li tixtieq kieku ttejjeb: ...............................................................................

It-titjib tiegħek għandu x'jaqsam mas-sikurezza jew mal-prestazzjoni? ............................................

Għaliex huwa importanti disinn ġdid? ................................................................................................

**Abbozza d-disinn tiegħek u indika l-karatteristiċi mtejba b'tikketti.**

**Uri d-disinn tiegħek lil xi ħabib jew ħabiba u ddiskuti dwaru.**

**Taħseb lil d-disinn tal-ħabib(a) tiegħek huwa ġdid?**

**Għaliex? Għaliex le?**

SUĠĠERIMENT

Tista' tirreġistra disinn ġdid jekk għandu forma jew għamla ġdida jew isir bl-użu ta' teknika ġdida. Jekk trid tirreġistra disinn, agħmel dan qabel ma turih lin-nies.

Jum 12

# Oħloq trademark għat-tagħmir sportiv tiegħek

Aħseb f'isem għat-tagħmir sportiv il-ġdid tiegħek: ……………………………………………………………….

X'messaġġ tixtieq tgħaddi lill-konsumaturi? ……………………………………………………………………

Iġbor ideat dwar kuluri, forom u frażijiet li tista' tuża għat-trademark tiegħek.

**Abbozza trademark**

*Ġabra ta' ideat*

**Uri t-trademark lil ħabib jew ħabiba tiegħek u itlob suġġerimenti dwar kif tista' ttejjibha. Erġa' abbozzaha.**

*Suġġerimenti*

**SUĠĠERIMENT**

Trademark hija ta' għajnuna għall-kummerċjalizzazzjoni ta' xi prodott. Tagħżel il-merkanzija ta' bejjiegħ wieħed minn dik ta' ħaddieħor u tgħin biex in-nies jirrikonoxxu xi prodott. Trademark tajba trid tkun magħmula b'tali mod li wieħed jiftakarha faċilment.

Jum 13

# Ivvinta slogan u ddisinja reklam għat-tagħmir sportiv tiegħek

**SLOGAN**

**Iddisinja filmat pubbliċitarju qasir bl-użu tas-‘slogan’ tiegħek.**

Setting: ……………………………………………………………………………………………

Karattri: …………………………………………………………………………………………

**Abbozza x-xeni.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *Xena ................* | *Tul ............* | *Xena ................* | *Tul ............* | *Xena ................* | *Tul ............* |
| | | | | | |
| *Noti* | | *Noti* | | *Noti* | |
| *Xena ................* | *Tul ............* | *Xena ................* | *Tul ............* | *Xena ................* | *Tul ............* |
| | | | | | |
| *Noti* | | *Noti* | | *Noti* | |

**SUĠĠERIMENT**

Slogan tajjeb irid ikun qasir u sempliċi u jiffoka fuq ir-raġuni għalfejn l-oġġett tiegħek huwa differenti minn oħrajn. Il-kliem huwa l-aktar ħaġa b’saħħitha li għandna.

Jum 14

# Iddisinja kejk għal għeluq sninek



Isem: ..........................................................................

Kulur: ..........................................................................

Forma: ..........................................................................

Tiżjin: ..........................................................................

Ingredjenti:

- ......................
- ......................
- ......................
- ......................
- ......................
- ......................
- ......................
- ......................
- ......................

**Abbozza l-kejk tiegħek.**

**SUĠĠERIMENT** Hawn ħafna modi differenti ta' kif tista' tkun kreattiv(a).

Jum 15

# Ikteb skritt għal xena ta' reċta jew film

1. Aħseb f'esperjenza divertenti li għaddejt minnha.

**2. Agħlaq għajnejk u erġa' immaġina x-xena ġo moħħok.**

**3. Iftaħ dokument fil-kompjuter tiegħek.** Ibda billi tikteb it-titlu.

**4. Min kien involut fix-xena?** Ikteb ismijiet il-persuni fuq ix-xellug.

**5. Niżżel l-ewwel abbozz tad-djalogu.** Aqrah u kkoreġih. Agħmel dan għaxar darbiet!

**Ipprintja l-iskritt finali u waħħlu hawn.**

© ..........................................................

**Tixtieq kieku taħdem ix-xena fil-klassi? Għaliex? Għaliex le?**

..........................................................................................................................................................

**Tagħti kieku l-permess lil klassi oħra taħdem ix-xena u tiġbed filmat? Għaliex? Għaliex le?**

..........................................................................................................................................................

**SUĠĠERIMENT**

Ir-reċti, il-films u l-vidjows huma protetti bid-**drittijiet tal-awtur**. Trid titlob permess biex tużahom l-iskola jew id-dar.

Jum 16

# Abbozza logħba diġitali ġdida

Tip ta' logħba: ............................................................................................................

Fejn hi ambjentata? ..............................................................................................
......

Fejn qegħdin il-livelli differenti? *(il-kmamar)* .......................................................
..........................................................................................................................

X'hemm fiha persuni jew oġġetti? *(l-oġġetti)* .......................................................
..........................................................................................................................

Regoli: ....................................................................................................................
..........................................................................................................................

Biex wieħed jikseb punti: .................. Biex wieħed jitlef punti: ..........................
.......................................................... ............................................................

**Iddisinja l-'kamra' tal-bidu tal-logħba.**

**Ippreżenta l-idea dwar il-logħba lil xi ħabib jew ħabiba.**
**Hija oriġinali? Hija divertenti? Kif tista' kieku ttejjibha?**

**Biex tikkonverti l-ideat tiegħek f'logħba diġitali, trid tibda tikteb il-kowd.**

**SUĠĠERIMENT**

Il-logħob diġitali jgħaqqad il-kreattività mat-teknoloġija. Huwa protett bid-**drittijiet tal-awtur**, **it-trademarks** u l-**privattivi**. Miljuni ta' nies madwar id-dinja jaħdmu fuq il-ħolqien tal-logħob diġitali bis-saħħa tal-flus li jinkisbu minn dawn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Jum 17

# Iddisinja qoxra għal diska

Agħżel diska li tħobb. Ismagħha, ħares lejn il-qoxra u imla dawn li ġejjin.

| | *Diska minn ............................................................ .....* | *Id-diska tiegħi* |
|---|---|---|
| *Isem* | | |
| *Kulur* | | |
| *Kliem* | | |
| *Immaġnijiet* | | |
| *Deskrizzjoni* | | |

**Oħloq qoxra għad-diska. Ipprintjaha u waħħalha hawnhekk.**

Użajt xi materjal protett bid-drittijiet tal-awtur meta ħloqt din il-qoxra għad-diska? ............................

Liema? ............................................. ............................................. .............................................

SUĠĠERIMENT

**Id-drittijiet tal-awtur** jipproteġu l-kanzunetti u l-mużika. Jistgħu jipproteġu anki d-disinn tal-qoxra.

Jum 18

# Ikteb minisaga dwar storja tal-familja

1. Aħseb fi storja li smajt mingħand il-ġenituri jew in-nanniet tiegħek.
2. Iftaħ dokument u ikteb l-istorja f'forma ta' noti.
3. Aqraha bir-reqqa u kkoreġiha.
4. Għodd il-kliem u żid jew neħħi kliem sakemm ikollok eżattament 50 kelma.
5. Ikteb titlu.

**Minisaga hija storja magħmula minn eżattament 50 kelma. It-titlu jista' jikkonsisti f'sa 15-il karattru.**

**Ipprintja l-minisaga tiegħek u waħħalha hawnhekk.**

Id-drittijiet tal-awtur huma tiegħek jew tal-persuna li rrakkontatlek l-istorja?

© ..............................................................................................................................

**SUĠĠERIMENT**

Il-ħolqien ta' xogħlijiet artistiċi huwa xogħol iebes u jitlob ħafna ħin.
L-editjar huwa parti importanti mill-kitba kreattiva.

Jum 19

# Ikteb poeżija u żid stampi magħha

1. X'ġurnata tal-ġimgħa hi? Aħseb dwar kif tħossok.
2. Agħżel kulur u ikteb l-ittri taħt xulxin fuq ix-xellug tal-kaxxa.
3. Ibda kull vers tal-poeżija tiegħek b'waħda mill-ittri li għandek miktuba fuq ix-xellug.
4. Esprimi idea waħda relatata mal-ġurnata f'kull vers. Uża lapes.
5. Aqra l-poeżija b'leħen għoli u kkoreġiha għadd ta' drabi.
6. Segwi l-ittri bir-reqqa u żid xi stampi.

**F'poeżija akrostika, l-ewwel ittra ta' kull vers tifforma parti minn kelma (jekk taqra minn fuq għal isfel).**

© ..........................................................................................

**SUĠĠERIMENT** Ibda minn kelma jew idea sempliċi biex tibda l-proċess kreattiv.

Jum
20

# Ispira ruħek min-natura biex tiddisinja l-moda

**1.** Agħżel annimal, pjanta jew insett li ssib sabiħ(a) jew interessanti.

**2.** Abbozza dawn l-elementi:

*kuluri*

*disinji*

*forom*

*suriet*

*tipi ta' nisġa*

**3.** Ħalli lilek innifsek titnebbaħ minn dawn l-elementi biex tasal għal disinn.

**L-osservazzjoni bir-reqqa tan-natura tista' twassal għal innovazzjonijiet u prodotti ġodda. Ħafna mix-xjenzjati u l-inġiniera tal-lum jispiraw ruħhom min-natura ('biomimicry' tfisser imitazzjoni tan-natura) biex itejbu d-disinji u l-invenzjonijiet tagħhom.**

**SUĠĠERIMENT**

In-nisġa, il-forma u d-dehra tal-ilbies jistgħu jiġu rreġistrati bħala **disinji**.

Jum

21

# Oħloq xi ħaġa għall-futur

**Biex jivvintaw xi ħaġa, l-inventuri l-ewwel jindunaw b'xi problema, imbagħad jaħsbu fuq modi kreattivi ta' kif din tista' tissolva u jistinkaw biex l-ideat tagħhom isiru realtà.**

**Niżżel tliet problemi li hawn fid-dinja u li qed jinkwetawk.**

1

2

3

**Aħdem ma' xi ħbieb. Iġbru ideat u soluzzjonijiet.**

Irnexxielkom tiżviluppaw xi wħud mill-ideat tagħkom?

**SUĠĠERIMENT**

L-invenzjonijiet itejbu l-ħajja, u għalhekk hemm bżonn ninkoraġġixxu lin-nies biex jivvintaw affarijiet ġodda. **Il-privattivi** jinkoraġġixxu lill-inventuri jibqgħu għaddejjin billi jwaqqfu lin-nies milli jisirqulhom l-invenzjonijiet tagħhom.

# Noti

# Noti

NIFIRĦULEK

# TALLI QBADT

*DIN ID-*

# DRAWWA

# *KREATTIVA*

B'liema attività ħadt gost l-aktar? Għaliex?

Liema taħseb li hija l-aħjar waħda mill-ideat li hawn fid-djarju tiegħek? Għaliex?

Wara li mlejt id-djarju, kif taħseb li ħa żżomm id-drawwa kreattiva?
(Tista', pereżempju, tixtri pitazz għall-abbozzi tiegħek, tissieħeb ma' klabb tal-ikkowdjar jew tibda blogg tiegħek stess eċċ.)

## Imla u ibgħatilna dan iċ-ċertifikat biex tirbaħ premju.

Ċertifikat ta' Tlestija

# Djarju tal-Kreat- tiv



*Isem ...........................................................................*

*Klassi .......................................*

*Id-Djarju tal-Kreattività għal 21 jum tlesta b'suċċess*

*fi ......................... (data)*

Iffirmat u ċċertifikat minn

.................................. ..................................

Għalliem(a) Ġenitur

**Ibagħtu lil:**
IPinEducation@euipo.europa.eu

**Aktar informazzjoni u links:**

https://euipo.europa.eu/ohimportal/es/home

http://www.ideaspowered.eu/en/ip-basics

https://euipo.europa.eu/knowledge/course/view.php?id=1738

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok, ikkuntattja lil:

IPinEducation@euipo.europa.eu